**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Marzu, 2016

Rikors Guramentat numru : 27/14 AL

**A u B ahwa C flimkien ma ommhom M Z ghal kull interess li jista jkollha**

**vs**

**D sive G C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-atturi, li permezz tieghu ppremettew :

L-Oggett tal-Kawza

L-attrici M Z kienet mizzewga mal-konvenut D sive G C u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal li huma l-atturi l-ohrajn A u B ahwa C;

Illi il-konjugi kienu isseparaw a mensa et thoro permezz ta'

kuntratt fl-atti tan-Nutar Rosella Sciberras tas-6 ta’ Frar 1997 hawn esebit bhala Dokument “A”, u sussegwentement iz-zwieg in kwistjoni kien dikjarat null permezz ta’ sentenza tat-Tribunal Ekklezjastiku tat-8 ta’ Ottubru 2004 registrata civilment permezz ta’ decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta’ Novembru 2005, kif jidher fic-certifikat taz-zwieg hawn esebit u markat Dok E;

Illi qeghdin jigu esebiti bhala document B u C ic-certifikat tat-twelid tal-ahwa A u B C sabiex issir prova tal-parentela mal-konvenut;

Illi A C ghalqet l-eta ta’ tmintax (18) il-sena fil-13 ta’ Frar 2010 filwaqt li B C wkoll ghalaq l-eta’ ta’ tmintax (18) il-sena fid-19 ta’ April 2013;

Illi apparti illi l-konvenut naqas u ghadu inadempjenti fl-ghoti tal-manteniment lejn uliedu anki minn qabel dawn ma lahqu l-eta’ maggorenni, u dwar dan issir riserva mill-attrici M Z fis-sens li din il-kawza issir minghajr pregudizzju ghal dak kollu dovut lilha bhala manteniment lill-ulied taht l-imsemmi kuntratt document ‘A’ ; illum ai termni tal-artikolu 3B, jezisti l-obbligu tal-genituri li jkompli jmantnu lill-uliedhom sal-eta’ ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena meta dawn ikunu qeghdin isegwu kors ta’ studju ‘full time’ u ma jkunx ragjonevoli possibbli ghalihom li jmantnu lilhom infushom;

Illi l-attrici M Z ghandha interess guridiku f’din il-kawza stante li l-imsemmija zewg uliedha qeghdin jirrisjedu maghha u huma dipendenti fuqha;

Ir-Raguni ghat-Talba

Qeghda ssir din it-talba billi l-atturi A u B ahwa C jissoddisfaw dawn il-kriterji u fil-fatt qeghdin jghixu (kif dejjem ghixu) fid-dar ma ommhom l-attrici M Z li qeghda tmantnihom hi wahida.

Illi ghalhekk din il-kawza qeghda ssir sabiex jigi stabilit l-obbligu tal-konvenut bhala missier ta’ l-ahwa A u B C li jikkontribwixxi lejn il-manteniment taghhom. L-interess ta’ M Z jikkonsisti filli

jekk it-talbiet infraskritti jintlaqghu, hi tkun meghjuna fil-hlas tal-ispejjez konnessi mal-manteniment ta' wliedha, liema spejjez illum hi qed tissoporti wahida;

Illi l-awtorizzazzjoni biex tinfetah din il-kawza inghatat permezz ta' digriet numru 2666/13 tad-19 ta' Dicembru 2013 wara ittra ta' medjazzjoni numru 1318/13 (Dokument D);

<u>It-Talbiet</u>

Talbu ghal dawn il-motivi u invista tal-premess li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tidikjara illi l-atturi, A u B ahwa C ghandhom dritt ta' manteniment minghand il-genituri taghhom stante li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti mill-ligi;
2. Tiddikjara li l-konvenut s'issa ma jikkontribwixxi xejn ghall-manteniment ghall-uliedu minn mindu dawn ghalqu tmintax il-sena;
3. Tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli illi jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' uliedu, A u B l-ahwa C;
4. Tillikwida l-ammont ta' manteniment dovut mill-konvenut u tistabbilixxi il-modalitajiet kif dan ghandu jithallas u tistabbilixxi li ghandu jizdied skont l-gholi tal-hajja sakemm uliedu jaghlqu l-eta ta' tlieta u ghoxrin sena jew jispiccaw mill-istudji taghhom full time, skont liema minn dawn l-eventwalitajiet tavvera ruhha l-ewwel;
5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas il-manteniment hekk likwidat, inkluzi l-arretrati ta' l-istess manteniment akkumulati u kalkulat minn mindu kull wiehed mill-atturi A u B ahwa C rispettivament ghalqu l-eta ta' tmintax il-sena;

U dan kollu minghajr pregudizzju ta' l-attrici M Z ghal dak li jirrigwarda inadempjenza ta' l-konvenut dwar il-hlasijiet ta' arretrati ta' manteniment relattivi ghaz-zmien qabel ma l-atturi A u B ahwa C lahqu rispettivament l-eta ta' tmintax il-sena;

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut, li jibqa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet tar-rikorrenti huma monki stante illi l-proceduri ta' medjazzjoni kienu intavolati minn M Z biss li hija omm it-tfal u l-kawza odjerna giet intavolata mill-omm innifisha flimkien ma uliedha A u B C;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda, u dan peress illi ma ngabet ebda prova illi t-tfal A u B ahwa C qeghdin realment u prezentament isegwu kors ta' studju full time. L-obbligu tal-genituri li jipprovdu manteniment adegwat lill-uliedhom jieqaf sal-eta ta' tmintax il-sena sakemm tali ulied ghalkemm ghalqu t-tmintax il-sena xorta ma jkunx ragonevolment possibbli illi jmantnu lilhom infushom kif xieraq peress li jkunu ghandhom studenti li qeghdin jippartecipaw f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim full-time u huma taht l-eta ta' tlieta u ghoxrin sena jew inkella ghax ikollhom dizabilita kemm jekk hija fizika jew mentali. Illi fir-rikors guramentat tar-rikorrenti m'hemmx provi dokumentali illi juru illi t-tfal A u/jew B qeghdin isegwu kors ta' studju full time;
3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghal dak surriferit, l-obbligu tal-genituri illi jipprovdu manteniment adegwat lill-uliedhom ai termini tal-Artikolu 3B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddependi mill-mezzi finanzjarji taghhom. Dan ifisser illi l-mezzi u c-cirkostanzi prezenti tal-genituri ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni meta jigi llikwidat l-ammont ta' manteniment illi ghandu jithallas mill-genituri ghall-ghixien tal-ulied;
4. Salv ecezzjonijiet ulterjuri;

Tant ghandu l-unur x'jissottometti l-intimat esponenti a savju gudizzju ta' din il-Qorti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-manteniment ta' l-atturi A C u B C u dan wara li huma lahqu l-eta ta' tmintax-il sena izda ghadhom qed jistudjaw fuq bazi *full-time.* It-talba qed issir anke minn M Z li tigi omm l-atturi l-ohra li tghid li hi tipprovdi ghall-ghixien ta' uliedha.

Il-konvenut fir-risposta tieghu jghid li din il-kawza hija monka peress li l-medjazzjoni giet intavolata mill-attrici M Z biss u mhux mill-atturi l-ohra, u li l-atturi kellhom jippruvaw li huma ghadhom qed jippartecipew fl-edukazzjoni u li l-likwidazzjoni tal-manteniment ghandha tkun bazata fuq il-mezzi taz-zewg genituri.

**<u>Verzjoni ta' l-atturi</u>**

L-attrici M Z xehdet permezz ta' affidavit[1] u ipprezentat prospett ta' l-ammont ta' flus li qed thallas ghat-tfal. Ipprezentat ukoll kopja ta' FS3 li juri kemm ghandha dhul hi personalment. L-attrici ipprezentat ukoll zewg *search forms* tar-registru tal-kumpaniji li juru li l-konvenut huwa *shareholder* ta' zewg kumpaniji. Hi tghid li ma tafx kemm jaqla l-konvenut, pero' taf li dejjem kellu karozzi lussuzi. Hi tikkonferma li uliedha l-atturi l-ohra jghixu ma' l-attrici fir-residenza taghha u s'issa dejjem ipprovdiet ghalihom hi u dan peress li l-konvenut waqaf ihallas manteniment ghal uliedhom meta ghalqu t-tmintax-il sena.

---

[1] Ezebit a fol 20 tal-process

L-attrici A C xehdet permezz t'affidavit[2] u qalet li hija tghix ma' ommha M Z, hija studenta l-Universita' *full-time* u qeghda tistudja ghal-lawreja ta' B.A. (Tourism Studies). Hija tiddikjara li taqla' l-ammont ta' €85.45 fix-xahar bhala stipendju u dan tuzah ghal skopijiet personali, izda ghar-rigward ta' ikel, hwejjeg, medicina u kull ma jonqos dawn tipprovdihom ommha M Z[3].

L-attur B C xehed ukoll permezz t'affidavit[4] u jghid li hu student *full-time* fl-Universita' ta' Malta u qieghed jistudja ghal-lawreja ta' B.Sc (Earth Systems) u ghandu wkoll stipendju fl-ammont ta' €85.45 fix-xahar li juzah ghal skopijiet personali tieghu. Ghal dak li jirrigwarda ikel, hwejjeg, medicina u affarijiet ohra, dawn tipprovdihom ommu l-attrici M Z.

**<u>Verzjoni tal-konvenut</u>**

Il-konvenut ma xehedx u lanqas gab provi f'dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti m'ghandiex il-verzjoni tieghu tal-fatti.

**<u>Il-Provi Migbura</u>**

L-atturi ipprezentaw il-kuntratt ta' separazzjoni li sar bejn M Z u l-konvenut, datat 6 ta' Frar 1997 fl-atti tan-Nutar Dr Rosella Sciberras[5].

Gie ipprezentat ukoll certifikat tat-twelid ta' l-attrici A C li twieldet fit-13 ta' Frar 1992[6] u li ghalhekk illum ghandha erbgha u ghoxrin (24) sena.

---

[2] Ezebit a fol 28 tal-process

[3] Fil-gurnata meta sar l-affidavit a fol 28, u cioe' l-20 ta' Marzu 2014 l-attrici A C tghid li kellha 22 sena

[4] Ezebit a fol 29 tal-process

[5] Immarkat Dok A u ezebit a fol 4 tal-process

[6] Immarkat Dok B u ezebit a fol 10 tal-process

Gie ipprezentat ukoll certifikat tat-twelid ta' l-attur B C li twieled fid-19 ta' April 1995[7] u li ghalhekk illum ghandu ghoxrin (20) sena.

Gie ipprezentat ukoll certifikat taz-zwieg ta' bejn M Z u l-konvenut liema zwieg sehh fl-14 t'April 1991[8].

L-attrici M Z ipprezentat prospett ta' kemm nefqet flus biex ipprovdiet ghall-mantaniment ta' l-atturi l-ohra, uliedha[9]. Hija ghamlet dawn l-ispejjez ghas-sena 2013:

Ikel - €4757
Medicina - €790.18
Hwejjeg - €1338.57
Vjaggi - €2291
Utilitajiet - €1476.50
Affarijiet ohra - €2787.60

L-attrici M Z ipprezentat ukoll l-FS3 taghha ghas-sena 2013[10] u jirrizulta li hija qalghet l-ammont ta' €22,446 gross f'sena, giet ipprezentata wkoll FS3 taghha ghas-sena 2012[11] u jirrizulta li hija qalghet l-ammont ta' €22,446 gross f'sena, giet ipprezentata ukoll FS3 ghas-sena 2011[12] u jirrizlta li l-attrici Z qalghet l-ammont ta' €22,446 gross fis-sena.

---

[7] Immarkat Dok C u ezebit a fol 11 tal-process
[8] Immarkat Dok E u ezebit a fol 13 tal-process
[9] Immarkat Dok A u ezebit a fol 21 tal-process
[10] Immarkat Dok B u ezebit a fol 22 tal-process
[11] Immarkat Dok C u ezebit a fol 23 tal-process
[12] Immarkat Dok D u ezebit a fol 24 tal-process

L-attrici M Z ezebiet ukoll informazzjoni mahruga mill-MFSA[13] li turi li l-konvenut huwa *share holder* fil-kumpanija *Plexus Limited* u *share holder* fil-kumpanija *Dynamic Arts Limited.*

Giet ipprezentata wkoll email[14] mibghuta mir-Registratur ta' l-Universita' ta' Malta lill-attur B C datata 6 t'Ottubru 2014 u li turi li l-istess attur ghadu jistudja fl-Universita'. L-attur B C juri wkoll permezz ta' document li hallas xi flus biex ikompli l-istudji tieghu ghas-sena 2014/2015[15]. Email ohra li giet ipprezentata[16] kienet dik mibghutha mir-Registratur ta' l-Universita' ta' Malta lill-attrici A C datata 3 t'Ottubru 2011 li turi li l-istess attrici kienet tistudja fl-Universita' ta' Malta. L-atturi ipprezentaw ukoll ittra mibghuta lill-attrici A C mir-rettur ta' l-Universita' ta' Malta li hija datata 31 ta' Ottubru 2014[17] li turi li l-attrici A C spiccat l-istudji taghha fl-Universita' ta' Malta.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut</u>**

Illi l-konvenut eccepixxa li dawn il-proceduri huma monki stante li l-proceduri tal-medjazzjoni kienu intavolati minn M Z biss, omm it-tfal u l-kawza odjerna giet intavolata mill-omm innifisha flimkien ma' uliedha A u B C.

Primarjament il-Qorti tirrileva li l-konvenut ma tella' l-ebda provi fir-rigward ta' din l-eccezzjoni.

Fi kwalunkwe kaz, din l-eccezzjoni hija direttament marbuta ma' l-Avviz Legali 397 tas-sena 2003. Dan l-avviz legali jirregola l-medjazzjoni li hija procedura mandatarja qabel persuna tista' tittenta kawza quddiem din il-Qorti. Ir-regolamenti 4 u 9 ta' dan

[13] Immarkati Dok E u Dok F u ezebiti a fol 25 u fol 26 tal-process
[14] Immarkata Dok MF1 u ezebita a fol 45 tal-process
[15] Immarkata Dok MF2 u ezebita a fol 46 tal-process
[16] Immarkata Dok MF3 u ezebita a fol 47 tal-process
[17] Immarkata Dok MFX u ezebita a fol 51 tal-process

l-avviz jiccaraw ezattament min huma l-persuni li ghandhom juzaw il-medjazzjoni ai termini ta' dan l-avviz. Ir-regolament 4 jaghmel uzu tal-kelma *"konjugi"* u dan ir-regolament japplika ghall-ewwel tentattiv ta' medjazzjoni biex jintlahaq ftehim li jwassal ghal kuntratt ta' separazzjoni bonarju. Ir-regolament 9(1) ta' dan l-avviz jghid is-segwenti:

*(1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti:*
*(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta' wliedhom; jew*
*(b) manteniment bejn il-konjugi; jew*
*(c) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali; jew*
*(d) tibdil fi ftehim dwar kull [a;a msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament;*
*dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taggha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 tar-regolament 4 u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond m'hemm f'dik id-diposizzjoni.*

L-Avviz Legali huwa car u din il-Qorti hi tal-fehma li l-procedura tal-medjazzjoni m'hix intiza biex tigi intavolata mill-ulied maggorenni kontra l-genituri taghhom.

Ghalhekk din l-eccezzjoni ma jisthoqqiliex li tigi milqugha.

**<u>Manteniment</u>**

Illi l-Qorti tirrileva li l-konvenut fl-ebda mument ma ikkontesta l-provi migjuba quddiemha mill-attur u irrizulta li t-tfal maggorenni A u B C, ghexu ma ommhom M Z ghaz-zmien kollu kemm damu jistudjaw u kienet dejjem l-attrici M Z li ipprovdiet ghalihom u ghall-ghixien taghhom. Ghalhekk il-Qorti fic-

cirkostanzi thoss li ghandha tillikwida manteniment fil-konfront ta’ dawn l-ulied, in vista tas-sagrificcji li ghamlet l-istess attrici Z biex tat ic-cans lil uliedha illi jistudjaw.

F’dan il-kuntest il-Qorti qed taghmel referenza ghall-Artikolu 3(1) u (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jghid:

*“(1) Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja.*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*
*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f’edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta’ tlieta u għoxrin sena; jew*
*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Kap. 413. Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b’Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.”*

ghall-artikolu 3B tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta’ Malta:

"*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta'l-ulied*."

u ghall-artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta:-

"*Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici.*"

Ghalhekk il-kontribuzzjoni ghall-manteniment ta' l-ulied ghandha tkun minn kull wiehed mill-genituri u tvarja minn kaz ghal kaz u jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' jibqghu veljanti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet tal-genturi versu l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19(1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u edukazzjoni taghhom u skont il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi ikkalkulati ai termini tas-subartikoli ta' l-istess artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, ma ghandna l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut. It-tfal huma prijorita u jigu l-ewwel u qabel kollox u irrispettivament minn jekk il-konvenut ghandux qliegh *o meno* din il-Qorti ser tghaddi biex tistabilixxi retta alimentarja li ghandha tithallas mill-konvenut lill-attrici bhala manteniment ghal-uliedhom A u B C.

Il-Qorti tinnota li l-attrici A C spiccat l-istudji taghha fis-sena 2014 u dan peress li hija iggradwat f'Ottubru 2014, skont l-ittra mibghutha lilha mir-Rettur ta' l-Universita' ta' Malta, u ghalhekk dan il-manteniment se jigi ikkalkulat sa din id-data. Rigward l-attur B C, ma jirrizultax li waqaf jistudja u ghalhekk il-Qorti temmen, salv prova kontrarja, li huwa ghadu ghaddej bl-istudju tieghu.

Fir-rigward tat-tifel B C il-Qorti thoss li jkun ewku u gust li l-konvenut jigi ordnat li jhallas is-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' (4) gimghat bhala manteniment ghalih lil M Z, stante li t-tfal ghadhom jghixu maghha. Jigi rilevat li tali manteniment

jinkludi fih spejjez relattivi mas-sahha u edukazzjoni ta’ l-istess wild. Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi jkun aktar prattiku li l-konvenut ihallas somma fissa fix-xahar milli jhallas nofs l-ispejjez ta’ sahha u l-edukazzjoni bir-ricevuti, stante li ma jidhirx li l-partijiet ghandhom hafna kuntatt bejniethom u ghalhekk tali arrangament ma jkunx wiehed prattiku. Il-Qorti tordna li dan il-manteniment ghandu jibqa’ jithallas sakemm il-wild B jibqa’ jistudja fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa’ jithallas mill-konvenut lill-attrici M Z sakemm l-istess wild B jieqaf jistudja fuq bazi full-time jew jilhaq l-eta ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena, skont liema eventwalita’ ssehh l-ewwel. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-Qorti qeghda tilqa’ din it-talba. Dan l-ammont ghandu joghla kull sentejn skont l-indici ta’ l-gholi tal-hajja.

Rigward it-talba ghall-arretrati ta’ manteniment, il-Qorti se tghaddi biex tuza’ l-kalkolu minnha diga’ prefiss ta’ mitejn Ewro (€200) kull erba’ gimghat mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat ta’ din il-kawza, sad-data ta’ din is-sentenza fir-rigward tal-wild B u sa’ Ottubru 2014 fir-rigward tal-wild A.

Illi din il-kawza giet intavolata fit-18 ta’ Frar 2014.

Ghalhekk fir-rigward tal-wild B, mid-data tat-18 ta’ Frar 2014 sad-data tat-22 t’Marzu 2016[18] ghaddew mija u disa’ (109) gimghat, u ghalhekk l-arretrati ta’ manteniment li l-konvenut ghandu jhallas lil M Z huma fl-ammont ta’ hamest elef erba’ mija u hamsin Ewro (€5450), u fir-rigward tal-wild A, mid-data tat-18 ta’ Frar 2014 sal-31 t’Ottubru 2014 ghaddew sitta u tletin (36) gimgha u ghalhekk l-arretrati ta’ manteniment li l-konvenut ghandu jhallas lil M Z huma fl-ammont ta’ elf u tmien mitt Ewro (€1800). Ghaldaqstant, it-total ta’ arretrati ta’ manteniment li l-

[18] Data ta’ din is-sentenza

konvenut ghandu jhallas lil M Z fil-konfront ta' uliedu huwa ta' sebat elef mitejn u hamsin Ewro (€7250).

Ghalhekk, fid-dawl ta' dak citat, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba;

3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli li jhallas manteniment ghal uliedu A u B C;

4. Tilqa' limitatament ir-raba talba u tordna lill-konvenut ihallas manteniment lill-attrici M Z ghall-wild B C fis-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' gimghat, liema manteniment ghandu jizdied kull sentejn skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja u li jinkludi fih l-ispejjez relattivi mas-sahha u l-edukazzjoni ta' l-istess wild u tordna wkoll li tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-konvenut lill-attrici M Z sakemm l-istess wild jibqa' jistudja fuq bazi *full-time* jew sakemm l-istess wild jilhaq l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skont liema eventwalita' sehh l-ewwel, u f'kaz li l-wild ma jibqax jghix ma' l-attrici ommu allura l-manteniment dovut jibda jithallas direttament lilu;

5. Tilqa' l-hames talba u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici M Z arretrati ta' manteniment ghall-ulied A u B ahwa C fl-ammont ta' sebat elef mitejn u hamsin Ewro (€7250).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.